MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 464/2000/1

**Gerhard KRUGER**

**vs**

**Paul BONDIN**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta’ Marzu, 2000, li bih l-attur ippremetta;

Illi fis-16 ta’ Settembru, 1998, għal ħabta tat-8.30 p.m. ġewwa ix-Xatt tas-Sliema, l-attur safa’ mtajjar mill-konvenut waqt li kien qiegħed jaqsam minn fuq il-Pellican Lights”, u dan waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu numru ta’ reġistrazzjoni “MGF-001”;

Illi minħabba dan l-inċident l-attur soffra danni konsistenti, fost oħrajn, b’feriti ta’ natura permanenti u f’telf ta’ qliegħ, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi dan l-inċident seħħ b'riżultat ta' negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi l-konvenut debitament interpellat sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni nonostante interpellazzjoni uffiċjali baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fix-Xatt tas-Sliema, fis-16 ta' Settembru, 1998, li b'konsegwenza tiegħu l-attur sofra danni.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-28 ta' April, 1999 u tat-22 ta' Frar, 2000, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-18 t'Awissu, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. L-ewwel talba tal-attur għandha tkun miċħuda stante li l-inċident awtomobilistiku de quo ma ġarax tort tal-eċċipjent iżda ġara unikament ħtija tal-attur innifsu.

2. Għalhekk it-tieni talba tal-attur għandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur tiegħu.

3. Per konsegwenza, it-tielet talba tal-attur għandha tkun riġettata ukoll billi ma hemmx lok għall-kundanna ta' l-eċċipjent għall-ħlas ta' danni lill-attur.

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-Liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet flimkien mal-provi dokumentali;

Żammet, fuq talba taż-żewġ partijiet, aċċess fuq il-post fid-9 ta' Jannar, 2004[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2004, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' ħtija għal aċċident tat-triq u għal-likwidazzjoni u l-kundanna tal-ħlas ta' kumpens għal ġrieħi mġarrbin f'dak l-inċident. L-attur kien imtajjar minn karozza misjuqa mill-imħarrek, u qiegħed jgħid li minħabba f'hekk ġarrab ġrieħi li ħallewh ibati minn debilita' parzjali li ma jfiqx minnha;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek jilqa' billi jgħid li jgħid li kien l-attur innifsu li jaħti għall-inċident u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għaliex hu għandu jiġi misjub ħati. Għalhekk, lanqas hemm lok li hu jiġi kundannat iħallas danni;

Illi għar-rigward tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li waqt li l-attur kien qiegħed jaqsam minn fuq

[1] Verbal f'paġġ. 152-3 tal-proċess

*pedestrian crossing* fi Triq ix-Xatt, Gżira, fis-16 ta' Settembru, 1998, għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħaxija, ittajjar mill-karozza misjuqa mill-imħarrek. Il-*pedestrian crossing* kellha wkoll dwal li jżommu t-traffiku x'ħin ikunu qed jaqsmu n-nies minn fuqha. Dawn id-dwal jinbidlu meta min irid jaqsam jagħfas buttuna biex isir dan. Mad-daqqa, l-attur indarab u, xi ħin wara, ttieħed l-isptar mill-post biex jiddewwa u nżamm hemm għal osservazzjoni[2]. Riġlu l-lemini tqiegħed fil-ġibs. Il-ġibs tneħħielu fil-21 ta' Jannar, 1999. L-attur baqa' jieħu trattament ta' fiżjoterapija. L-attur baqa' jġorr ġrieħi li ħallew fuqu debilita' li ma tmurx[3]. Il-kawża nfetħet f'Marzu tal-2000;

Illi meta ntlaqat, l-attur kellu tlieta u sittin (63) sena u nofs[4]. Dak iż-żmien kien jaħdem bħala inġinier fuq lanċa barra minn Malta[5] ma' s-sidien tal-istess lanċa, b'kumpannija Maltija[6] twettaq ħidma *management company* dwar l-imsemmi bastiment f'dak li għandu x'jaqsam ingaġġ. Meta seħħ l-inċident, l-attur kien bil-frank, imma minħabba li meta ntemm il-frank ma satax jerġa' jitla' abbord[7], inbidel b'ħaddieħor;

Illi t-teżi ewlenija tal-imħarrek hi fis-sens li, għalkemm l-attur kien qiegħed tassew jaqsam minn fuq *pedestrian crossing,* dan għamlu meta d-dawl kien aħmar (għall-passanti), u għalhekk iqis li l-attur waħdu jaħti għal dak illi ġralu. L-imħarrek jisħaq ukoll li lill-attur laqtu kemm kemm f'idu, tant li b'idu kisser il-mera tan-naħa tax-xellug tal-karozza;

Illi hemm qbil li fejn intlaqat l-attur m'huwiex il-post fejn waqfet il-karozza misjuqa mill-imħarrek[8]. Jirriżulta li, meta l-attur intlaqat, il-karozza misjuqa mill-imħarrek ma waqfitx mill-ewwel u baqgħet miexja xi distanza 'l quddiem[9]. Ma jidhirx li huwa kontestat li, x'ħin l-attur intlaqat, kien sejjer lura lejn fejn kien ħalla l-karozza tiegħu, wara li kien diġa'

---

[2] Dok. "GKI", f'paġ. 50 tal-proċess
[3] Dok. "A", f'paġġ. 5-7 tal-proċess
[4] Dok. f'paġ. 81 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Joseph Formosa 17.11.2000, f'paġ. 39 tal-proċess
[6] Dokti "JFI" u "JF2", f'paġġ. 26-7 tal-proċess
[7] Dok "AA", f'paġ. 145 tal-proċess
[8] Xhieda ta' PS1102 Everest 17.11.2000, f'paġ. 34 tal-proċess
[9] *Ibid.,* f'paġ. 31

qasam minn hemm biex jagħmel qadja fi stabiliment in-naħa l-oħra tat-triq;

Illi l-ewwel aspett ta' konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma' dan il-każ huwa l-kwestjoni tar-responsabbilta' tal-inċident. L-imħarrek jgħid li mhux hu, imma l-attur, jaħti għal dak li seħħ. F'waqt minnhom, matul is-smigħ tal-kawża u meta ta x-xhieda tiegħu[10], l-imħarrek wera l-fehma li l-attur waqa' hu u jaqsam it-triq u ħabat mal-karozza tiegħu. Huwa jtenni din il-fehma bl-argument li l-karozza tiegħu ma kellha l-ebda marki jew daqqiet għajr għal tixlifa fil-mera tal-ġenb tan-naħa tal-passiġġier tal-karozza tiegħu. Minn eżami bir-reqqa tal-atti tal-kawża, il-Qorti ma ssibx li din it-teżi hija murija kif imiss. Ladarba l-imħarrek ressaq din l-allegazzjoni, ried jippruvaha. F'dan il-każ ma seħħlux, ukoll minħabba l-fatt li xi provi riżultanti mill-atti jxejnu l-possibilita' li dan sata' tassew kien il-każ. Ewlenija fosthom hija d-dikjarazzjoni tal-imħarrek innifsu[11] fis-sens li sa ma laqat lill-attur bil-karozza ma kienx għadu rah. Jekk tassew ma rahx, ma jistax jgħid li rah jaqa' qabel ma laqat il-karozza. Jekk ma rahx jaqa' qabel, ma jistax jibqa' jinsisti li seħħlu jipprova l-verżjoni tal-waqgħa tal-attur. Huwa ovvju għalhekk li l-attur waqa', imma waqa' għaliex intlaqat u mhux waqa' u kumbinazzjoni ħabat mal-karozza misjuqa mill-imħarrek li nzerta għaddej minn hemm;

Illi l-Qorti issa trid tqis jekk l-imħarrek kienx jaħti waħdu għall-inċident jew jekk l-attur jaħtix b'xi mod ukoll. F'dan il-każ, għandna quddiemna sitwazzjoni fejn persuna qegħda taqsam triq, wara nżul ix-xemx, fejn il-volum ta' traffiku huwa konsistenti. Normalment, meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbilta' tal-għamil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun[12]. Dan jingħad l'għaliex id-determinazzjoni tar-responsabbilta' għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna

[10] Kontro-eżami tal-imħarrek 9.12.2003, f'paġ. 160 tal-proċess
[11] Xhieda tiegħu 9.12.2003, f'paġ. 157 tal-proċess
[12] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Mary Zarb et vs. Mauro Overend**

ġġib ruħha. Din ir-responsabbilta' fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma jtajruhx hu u jaqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b'hekk qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jġarrab il-ħtija ta' dak in-nuqqas[13];

Illi huwa llum stabbilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu[14] jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna[15];

Illi huwa stabilit ukoll li sewwieq li jkun qorob lejn *pedestrian crossing* għandu d-dmir doppju li jnaqqas il-ħeffa li jkun qiegħed isuq biha u li jżomm attenzjoni ta' dak kollu li jkun qiegħed iseħħ quddiemu u madwaru, b'mod li jara hemmx nies li juru l-fehma li sejrin jaqsmu jew jekk hemmx niex li diġa' jkunu bdew jaqsmu u jilħaq iwaqqaf fil-ħin[16]. B'żieda ma' dan, fejn il-post minn fejn qegħda taqsam persuna huwa *pedestrian crossing* u fejn ukoll dak il-post huwa mħares b'sistema ta' dwal maħsuba li jiggwidaw lil min qiegħed jaqsam u lil min qiegħed isuq, tiġi waħedha kwestjoni ta' ħarsien ta' regolamenti tas-sewqan li kull waħda mill-partijiet tirregola ruħha skond ma tindikalha s-senjaletika;

Illi issa, fil-każ preżenti, hemm nuqqas ta' qbil mill-qliegħ bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-imħarrek. Tal-ewwel jgħid li qasam meta d-dawl (għall-passanti) kien aħdar; min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq li meta għadda minn fuq il-

[13] P.A. GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet **Saviour Sammut et vs. Robert Demanuele**
[14] P.A. GCD **17.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Sciberras vs. Gilbert Caruana**
[15] P.A. GV **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Urpani vs. Gianċinto Bartolo**
[16] App. Krim. Inf. VDG **6.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs. Manuel Spiteri**

*pedestrian crossing* id-dawl (għas-sewwieqa) kien aħdar. Ikollu jingħad ukoll li dan m'huwiex l-uniku nuqqas ta' qbil bejn il-verżjonijiet tal-partijiet. Waħda minnhom hija dik dwar jekk l-attur qasamx minn ħdejn il-karozza tiegħu (kif jgħid l-imħarrek) jew jekk qasamx lejn il-karozza tiegħu (kif jgħid l-attur). F'dan il-każ, toħroġ ċirkostanza partikolari li fil-fehma tal-Qorti tħoll u torbot kull kwestjoni tar-responsabbilta'. Din tirriżulta mill-istqarrija tal-imħarrek innifsu li, sa ma laqat lill-attur, ma kienx rah[17], u kif ukoll li qatt ma naqqas fil-veloċita' illi kien qed isuq biha[18]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti jibdlu l-piż tar-responsabbilta' li ssemma iżjed 'il fuq għal fuq l-imħarrek;

Illi, minn kif jidher ċar, fil-parti tat-triq mnejn kien qiegħed jaqsam l-attur, it-triq hija dritta u tagħti viżwali mill-bogħod kemm lis-sewwieqa u kif ukoll lil min ikun irid jaqsam it-triq. Minbarra dan, l-imħarrek innifsu ammetta, mal-pulizija meta kien qiegħed isir ir-rapport tal-inċident, li kien huwa li laqat lill-attur. Dan seħħ meta l-inċident kien għadu kemm sar. Kien biss waqt is-smigħ tal-kawża li l-imħarrek qanqal dubju dwar jekk l-attur kienx tassew intlaqat minnu, u dan b'riferenza għan-nuqqas kważi totali ta' ħsara fil-karozza tiegħu. Imma dan ma jxejjinx il-fatt li l-imħarrek ma seħħlux juri kif l-attur kien jaħti għall-inċident. Dan kien piż ta' prova li kien jaqa' fuqu, u ma setax jistrieħ biss fuq xi inkonsistenza ta' dettal bejn xhieda ta' xhud tal-attur u xhieda ta' xhud ieħor. L-argumenti interessanti tal-abbli difensur tal-imħarrek waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tiegħu ma jwaqqgħu bl-ebda mod il-fatt li l-imħarrek effettivament stqarr li ma kienx qiegħed iżomm "*a proper look out*";

Illi miżjud ma' din il-konsiderazzjoni, il-Qorti ssib ukoll ċertu grad ta' improbabilita' fil-verżjoni tal-imħarrek li kien qiegħed isuq il-karozza tiegħu bil-ħamsa u tletin (35) kilometru fis-siegħa meta kien fuq l-ogħla *gear*. Lanqas ma jidher li kellu raġun meta qal li, fis-*centre strip* qrib il-*pedestrian crossing* kien hemm arbuxxelli jew siġar żgħar imħawlin, għaliex waqt l-aċċess irriżulta li dawn jinsabu ċerta distanza 'l fuq. Il-Qorti qegħda taċċetta l-verżjoni tal-

[17] Xhieda tal-imħarrek 9.12.2003, f'paġ. 157 tal-proċess
[18] *Ibid.* f'paġ. 159 tal-proċess

attur li huwa kien qiegħed jaqsam min-naħa tal-bini għall-bankina ta’ max-xatt: jiġifieri li kien diġa’ qasam karreġġjata waħda (dik li fuqha t-traffiku jkun dieħel lejn tas-Sliema) u kien beda jaqsam karreġġjata oħra (dik li fuqha jkun hemm traffiku ħiereġ lejn l-Imsida jew Ta’ Xbiex). F’kull każ, minn fejn kien qiegħed jaqsam l-attur, l-imħarrek ma setax ma jarahx, kieku kien qiegħed attent kif imiss;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-inċident li kien involut fih l-attur, u dan minħabba traskuraġni, nuqqas ta’ ħila fis-sewqan u nuqqas ta’ ħarsien tar-regolamenti. Huwa għandu jagħmel tajjeb għall-ħsarat imġarrba mill-attur minħabba dak l-inċident;

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin mill-attur u li għalihom irid jagħmel tajjeb l-imħarrek, jirriżulta li dawn id-danni jinġemgħu kemm taħt il-kappa tad-*damnum emergens* u kif ukoll taħt dik tal-*lucrum cessans*;

Illi dwar il-ħsarat immedjati mġarrbin mill-attur, ressaq prova ta’ xi spejjeż li nefaq b’riżultat dirett tal-ħabta. Dawn jikkonsistu fi spejjeż li tħallsu talli nżamm l-isptar[19] u jammontaw għal mija u sebgħa u sebgħin Lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm177.50). Jirriżulta li l-attur kellu jħallas dawk l-ispejjeż għaliex m’huwiex ċittadin Malti. Jirriżulta wkoll[20] li r-raġuni li għaliha nżamm l-isptar kienet marbuta mal-inċident li kellu. Fuq kollox, id-dati fuq il-kont jaqblu sewwa mad-dokument tal-isptar li juri għaliex kien iddaħħal l-isptar l-attur. L-attur wera li nefaq ukoll tmenin lira Maltija[21] biex rah l-ispeċjalista ortopediku Charles Grixti. Dawn il-provi ma ġew bl-ebda mod attakkati mill-imħarrek;

Illi għar-rigward tat-telf ta’ qligħ minħabba l-inċident, dan joħroġ taħt żewġt irjus: l-ewwel minħabba n-nuqqas jew debilita’ li l-attur ġarrab għal dejjem f’riġlu l-lemini u li

[19] Dok “F”, f’paġ. 51 tal-proċess
[20] Xhieda ta’ Shirley Sultana 18.2.2002, f’paġ. 128 tal-proċess
[21] Dokumenti f’paġ. 65 tal-proċess

ħallietlu perċentwali ta' mankament ta' tnax fil-mija (12%). F'din il-kawża, ma tqabbad l-ebda espert mediku mill-Qorti biex iqis il-grad ta' debilita' li għadu jġorr l- attur minħabba l-inċident: lanqas ma jidher li saret xi talba minn xi waħda mill-partijiet f'dan ir-rigward. Minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u minħabba li l-fehma magħmula fir-rapport *ex parte* tal-15 ta' Mejju, 1999[22], saret minn persuna li l-Qorti taf li tħaddan il-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwestjoni (tant li hija wkoll maħtura f'bosta kawżi bħala espert mediku sewwasew f'dan il-qasam), il-Qorti sejra toqgħod fuq il-konklużjonijiet milħuqin f'dak ir-rapport;

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet;

Illi f'dan ir-rigward hija qegħda tqis li jirriżulta mill-atti tal-proċess li d-debilita' li ġarrab l-attur hija l-effett dirett tad-daqqa li qala' bil-karozza misjuqa mill-imħarrek. Irriżulta li, qabel dak l-inċident, l-attur ma kienx ibati minn xi nuqqas jew marda f'riġlu l-lemini[23]. Irriżulta wkoll[24] li, għalkemm f'April tal-1999, il-ksur fir-riġel tal-attur kien tfejjaq, is-sieq kienet baqgħet imxaqilba jew angulata (*tilted*), b'mod li l-qarquċa tal-ġog ikollha aktar strapazz mill-ġog tan-naħa l-oħra. Fuq kollox irriżulta wkoll[25] li meta nħareġ iċ-ċertifikat mediku dwar l-attur, kien ittieħed qies ta l-eta' tiegħu meta ġiet stabilita rata ta' debilita' ta' tnax fil-mija (12%);

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta'

[22] Dok "A" u "GK4", f'paġġ. 5 sa 7 u 53-5 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Dr. Maria Sciberras 10.12.2001, f'paġ. 111 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Dr. David Sammut 24.5.2002, f'paġ. 148 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Mr. Charles Grixti 6.4.2001, f'paġ. 88 tal-proċess

qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue – that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or mgiht have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particluar case and of other comparble cases*"[26];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[27], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviliuppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[28], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[29], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[30];

---

[26] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Lw (6th Edit, 1999), paġ. 122

[27] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**

[28] App Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet **Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe**

[29] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe**

[30] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet **Karen Żimelli vs Michael Sammut**; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet **Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited**; u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et**

Illi, ukoll fid-dawl ta’ dak li ngħad iżjed ‘il fuq, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta’ seba’ (7) snin bħala applikabbli għall-każ tal-attur;

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti tal-kawża, joħroġ li l-attur diġa kellu tlieta u sittin (63) sena meta seħħ l-inċident u li kien jaqla’ sebgħa u għoxrin elf u sitt mitt dollaru (US$ 27,600) fis-sena, li kienu jġibu mal-għaxart elef lira Maltija (Lm10,000) fis-sena gross.  Skond ma xehed l-attur innifsu, bħalissa qiegħed idaħħal biss erba’ mija u erba’ dollari (US$ 404) kull xahar[31].  Dan ifisser li t-telf mid-dħul gross tiegħu kull sena jissarraf fis-somma ta’ tnejn u għoxrin elf u seba’ mija u tnejn u ħamsin dollari (US$ 22,752) fis-sena, li jġibu mat-tmint elef mitejn u erbgħa u erbgħin lira Maltija (Lm8,244) fis-sena;

Illi l-abbli difensur tal-imħarrek, fit-trattazzjoni tiegħu tal-għeluq, stieden lill-Qorti biex tqis jekk il-fatt li l-attur ma reġax daħal jaħdem fix-xogħol li kellu qabel l-inċident jistax ikun għal raġunijiet oħrajn minbarra l-inċident. Huwa minnu li x-xhieda dwar kif intemm l-ingaġġ tal-attur minn ma’ l-bastiment li kien jaħdem fuqu m’huwiex għal kollox ċar, partikolarment meta, sitt xhur wara, kien reġa’ ntalab jitla’ abbord, imma irrifjuta minħabba li ħassu muġugħ; imma huwa wkoll minnu li kien għaliex l-attur ma kienx għadu stejqer mill-ġrieħi tiegħu li dak l-impieg kien waqaf minnu.  U ma kienx f’sikktu sewwasew minħabba l-inċident u mhux minħabba li ntwera li kien hemm xi raġuni oħra;

Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tqis li d-danni li ġarrab l-attur bħala telf ta’ qligħ jitilgħu għal sitt elef disa’ mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm6,925) [Lm 8244 x 0.12[32] x 7[33]]. Ladarba s-somma hekk likwidata qegħda tingħata f’daqqa, u ż-żmien li ilha tinstama’ l-kawża sa minn mindu tressqet iċ-Ċitazzjoni ma jirriżultax li kien imtawwal bla ħtieġa, mis-somma msemmija għandu jitnaqqas is-sehem

[31] Paġ. 69 tal-proċess
[32] Jiġifieri l-10% grad ta’ debilita’
[33] Il-*multiplier* applikat għall-każ

tal-*lump sum payment* li huwa stabilit bħala għoxrin fil-mija (20%) tas-somma likwidata. Dan jammonta għal elf tliet mija u ħamsa u tmenin Lira Maltija (Lm1385). Dan iġib li l-attur għandu jirċievi s-somma ta' ħamest elef ħames mija u erbgħin Lira Maltija (Lm5,540) bħala telf ta' qligħ minħabba l-inċident;

Illi ma' dik is-somma għandu jintgħadd l-ammont ta' spejjeż li l-attur ipprova li nefaq diġa minħabba l-inċident, u jiġifieri s-somma ta' mitejn u sebgħa u ħamsin Lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm257.50);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fi Triq ix-Xatt, Gżira, nhar is-16 ta' Settembru, 1998, għall-ħabta tat-8.30 ta' fil-għaxija, meta waqt li kien qiegħed isuq il-vettura reġistrata MGF-001, tajjar lill-attur waqt li dan kien qiegħed jaqsam it-triq imsemmija, u dan minħabba sewqan traskurat, u b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan min-naħa tal-imħarrek, b'mod li ikkawża danni lill-attur;

**Tilqa' t-tieni talba** billi tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fis-somma ta' ħamest elef seba' mija u sebgħa u disgħin Lira Maltija u ħamsin ċenteżmi (Lm5,797.50); u

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' Lm5,797.50, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------